MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Numru 164/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian J. Abdilla**

**vs**

**Keith Vassallo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Keith Vassallo ta’ 21 sena, bin Girolamo u Josephine nee’ Cassar, imwieled l-Pieta’ fid-29 t’ Ottubru 1985 u residenti f’ numru 21, Notre Dame, Triq il-

Providenza, Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita' numru 538185(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-12 ta' Frar 2007, u fil-granet ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

1. Mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap. 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li kellhom x' jaqsmu mal-hatra ta' epserti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar tad-29 ta' Ottubru 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u l-fatt li rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa hallas lura lill-vittma l-ammont involut.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena millum.

Il-Qorti tordna inoltre il-konfiska tad-dokumenti IA1 U IA2 favur il-Bank Centrali ta’ Malta sabiex jiddisponi minnhom kif jidhirlu xieraq.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien ma’ l-atti ta’ dawn il-proceduri jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------